Is-Swieqi
LOCAL COUNCIL

**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI SWIEQI**

**IS-SITT KUNSILL 2012 - 2015**

**SEDUTA NUMRU 15**

**IT-TLIETA 26 TA'MARZU 2013 FL-UFFIĊĊJU AMMINISTRATTIV TAL-KUNSILL FIL-5.00PM.**

**PREŻENTI:**

**Is-Sinjuri:**

| | |
|---|---|
| NOEL MUSCAT | SINDKU |
| DR JUSTIN FENECH | VICI –SINDKU |
| MARIO FAVA | KUNSILLIER |
| RENE ROSSIGNAUD | KUNSILLIER – wasal fil-5.30pm |
| MARY ANNE ABELA | KUNSILLIER – waslet fil-5.30pm |
| ALEXANDER CHETCUTI | KUNSILLIER |
| PAUL FENECH | KUNSILLIER |
| ALFRED CURMI | KUNSILLIER |
| CARMEN SAID | KUNSILLIER |

**TALBA**

IS-SINDKU QAL IT-TALBA.

## I APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

Il- Minuti tas-Seduti Nru. 14 ġew approvati kif emendati. Is-Sindku ppropona u l-Kunsillier M. Fava issekonda.

## II PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI

Mill-Viċi Sindku Dr. J. Fenech

1. Il-Viċi Sindku staqsa jekk il-*Personal Business Cards* ta' kull Kunsillier humiex lesti. Is-Segretarju Eżekuttiv nforma li dawn dalwaqt se jkunu lesti. Id-dewmien hu dovut minħabba li kien hemm bdil fil-logo.

2. Rigward l-iskema 40/2012 – Għajnuna Finanzjarja għall-Kunsilli li għandhom librerija. Huwa nforma li inxtraw diversi kotba u li ħafna minnhom ġa qegħdin fil-librerija tal-Kunsill għad-dispożżizzjoni tal-pubbliku.

3. Il-Viċi Sindku staqsa sa meta hu l-kutratt li għandu l-Kunsill mal-Perit D. Falzon. Is-Segretraju Eżekuttiv wieġeb li dan il-kuntratt jintemm f' Settembru 2014.

Mill-Kunsillier A. Curmi

1. Il-Kunsillier staqsa jekk kienx hemm xi żvillupi ġodda dwar il-proġett ta' Tennis Court. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li kellha ssir laqgħa fl-uffiċini tal-MEPA imma sfortunatament din tħassret minħabba li xolja il-Bord tal-MEPA. Il-Kunsill talab sabiex isiru kuntatti mal-MEPA biex jiġi stabilit meta se ssir din il-laqgħa.

Mill-Kunsillier P. Fenech

1. Il-Kunsillier staqsa fiex wasal il-proċess ta' devoluzzjoni tal-Medical Stores fil-Madliena. Il-Kunsillier M. Abela infurmat li saru dwar din il-materja saru laqgħat uffiċjali mad-Dipartiment tal- Gvern Lokali.

Mill-Kunsillier M. Fava

1. Il-Kunsillier staqsa fiex wasal il-proċess ta' Resident Parking Scheme. Is-Sindku informa li sa' issa għad ma kellux ħin li jagħmel kuntatti mas-Sindku tal-Pieta' pero' hu se jagħmel dan mill-aktar fis possibli.

2. Huwa staqsa jekk ġiex iffinalizzat il-Kuntratt dwar il-kostruzzjoni ta' tarmak fit-toroq tal-Madliena. Il-Viċi Sindku informa li dwar dawn ix-xogħlijiet pendenti se ssir laqgħa oħra fis-27 ta' Mejju 2013.

HUGH ZAMMIT — SEGRETARJU EŻEKUTTIV

NOEL MUSCAT — SINDKU

## III KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

1. Is-Sindku staqsa dwar l-ikla tal-Milied li kellha ssir f' Diċembru tas-sena l-oħra. Huwa nforma li issa li kkwitat is-sitwaazjoni, tkun ħaġa sabiħa li niltaqgħu lkoll flimkien soċjevoli. Għaldaqstant hu ssuġerixxa li għandha tiġi miftehma data biex ssir din l-ikla. Sar qbil li din għandha ssir nhar l-Erbgħa 10 ta' April 2013 fit-8.30pm. Is-Segretarju Eżekuttiv nforma li hu kellu kollox ipreparat mar-restaurant fis-Swieqi *Three Black Sheep*. Il-Kunsill iddeċieda li dan ma jibgħax il-*venue,* għaldaqstant il-Kunsillier R. Rossiganud ħa l-inkarigu li jorganizza din l-attivita' f' post ieħor.

2. Il-Kunsill ġie nfurmat li l-Gimgħa 12 ta' April 2013 fis-14:00 se ssir laqgħa fl-għassa ta' tas-Sliema ma' l-Assistent Kumissarju fejn se jiġu diskussi diversi problemi fosthom il-problema ta' karozzi bi pjanċi barranin li jipparkjaw bl-addoċċ. Huwa ħeġġeġ lil dawk kollha preżenti biex jattendu.

## IV RAPPORTI MILL-KUNSILLIERI

Mill-Viċi Sindku Dr. J. Fenech

1. Il-Viċi Sindku staqsa sabiex mill-aktar fis possibli ssir laqgħa mal-Pulizija responsabbli mill-vizzji tad-droga. Is-Segretarju Eżekuttiv ħa l-inkarigu li jikkomunika ma' l-Awtoritajiet ikkonċernati.

2. Huwa staqsa dwar meta se jitkomplew ix-xogħlijiet ta' tarmak fi Triq il-Kwartin. Is-Segretarju Eżekuttiv nforma li dawn se jitkomplew malli l-Kuntrattur ikollu t-tarmak peress li l-mtarejal għadu ma ġiex minn barra.

3. Il-Viċi Sindku nforma li fi Triq il-Qantar, Triq il-Kwartin, Triq FX Ebejer u Triq V.Menville hemm bżonn li jerġgħu jinżebgħu s-sinjali tat-traffiku. Il-Kunsillier A. Chetcuti staqsa ukoll għal refreskar ta' sinjali tat-traffiku fi Triq is-Sidra fil parti ta' fuq, kantuniera ma' Triq il-Qasam. Il-Kunsill qabel unanimament li jsiru dawn ix-xogħlijiet.

4. Il-Kunsill ġie nfurmat li diġa' bdew xi preparamenti għall-Swieqi Fest ta' din is-sena. Huwa ġa organizza laqgħa għaż-żgħażagħ li kienu ipparteċipaw b' mod volontarju s-sena li għaddiet.

**HUGH ZAMMIT** — **SEGRETARJU EŻEKUTTIV**

**NOEL MUSCAT** — **SINDKU**

**IV RAPPORTI MILL-KUNSILLIERI – ikomplu**

Mill-Viċi Sindku Dr. J. Fenech – ikompli

5. Il-Kunsill ġie nfurmat li xi residneti minn Triq il-Keffa qed jitolbu li ssir laqgħa ma' l-Assistent Kumissarju. Ġie issuġerit li meta ssir din il-laqgħa jkun hemm preżenti wkoll dawn ir-residenti, kien hemm qbil unanimu dwar dan.

6. Il-Viċi Sindku informa li huwa se jattendi għal konferenza li se ssir dwar il-libreriji pubbliki. Huwa se jippreżenta rapport dwar din il-konferenza fis-Seduta li jmiss.

8. Huwa rraporta li fi Triq FX Ebejer hemm bozza ma tixgħelx bejn ir-residenzi 14 u 20. Huwa talab sabiex din tiġi mibdula mill-aktar fis possibli.

Mill-Kunsillier A. Chetcuti

1. Il-Kunsillier staqsa sabiex t-Traffic Calmer installata fi Triq is-Sidra kantuniera ma' Triq il-Qasam tiġi estiża għat-tul kollu tat-triq. Il-Kunsillier talab ukoll refriskar ta' sinjali fl-istess żona. Il-Kunsill qabel ma' dawn ix-xogħlijiet.

2. Il-Kunsill reġa' ġie nfurmat li fi Triq Josef Kalleya hemm ħajt imġarraf u perikoluż. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li huwa diġa' avża lill-Awtoritajiet ikkonċernati pero se jerġa' jagħmel kuntatt magħhom.

3. Il-Kunsillier staqsa għal possibilta' li ssir laqgħa mal-Perit tal-Kunsill u l-kuntrattur tal-bankini sabiex tiġi diskussa l-possibilta' li ssir bankina f' Cafcaf Lane. Is-Segretraju Eżekuttiv ħa l-inakrigu li jorganizza din il-laqgħa.

4. Huwa ġibed l-attenzjoni li fi Triq il-Keffa fin-naħa ta' isfel, eżatt fejn qed issir kostruzzjoni bit-tower crane hemm bżonn li jsir *patching*. Is-Segretarju Eżekuttiv u s-Sindku nfurmaw li l-lista ta' xogħlijiet ta' *patching* ilha li ngħatat lill-kuntrattur pero' fil-preżent m' hawnx tarmak. Dawn ix-xogħlijiet se jsiru malli tidħol il-konsenja minn barra.

5. Il-Kunsillier informa li fil-viċinanza ta' l-*ironmongery* fi Triq il-Keffa hemm bankina perikoluża . Is-Segretarju Eżekuttiv ħa l-inakrigu li jikkomunika mas-Sidien.

6. Il-Kunsill ġie nfurmat li saru sinjali sofor quddiem ħanut tal-ħelu fil-parti ta' isfel tat-Triq il-Qasam. Il-Kunsill nforma li ma hemmx skop ta' dawn is-sinjali peress li dawn saru quddiem dan il-ħanut biss. Għladaqtant il-Kunsill ideċieda li dawn għandhom jitneħħew mill-aktar fiss.

**HUGH ZAMMIT** — **NOEL MUSCAT**
**SEGRETARJU EŻEKUTTIV** — **SINDKU**

## IV RAPPORTI MILL-KUNSILLIERI – ikomplu

Mill-Kunsillier A. Curmi

1. Il-Kunsillier informa bil-bżonn ta' żebgħa fl-Entratura tas-Swieqi minn naħa ta' Triq Santu Wistin. Is-Segretarju Eżekuttiv ħa l-inkarigu li jiddiskuti dwar dawn ix-xogħlijiet mal- Kuntrattur tal-Kunsill ħalli jkun jista' jippreżenta stima fis-Seduta tal-Kunsill li jmiss.

2. Huwa staqsa biex jintbagħtu l-Minuti tal-Laqgħa Pubblika kif ukoll dawk tal-Laqgħa ma' l-Avukat tal-Kunsill fuq il-każ pendenti ta' Triq il-Keffa.

3. Il-Kunsillier staqsa ukoll sabiex l-iskeda tal-pagamenti titnbagħat lilu qabel ma tintbagħat lil Kunsillieri l-oħra b'hekk hu jkun jista' jivverfika minn qabel ma din tiġi ċċirkulata.

Mill-Kunsillier A. Curmi – ikompli

4. Il-Kunsillier ġibed l-attenzjoni li fuq il-bankina fi Triq is-Swieqi hemm cover ta' manhole perikoluż fil-viċinanza ta' residena 183. Huwa staqsa sabiex din tinbidel f' waħda tal-ħadid mill-aktar fis possibli. Is-Segretraju Eżekuttiv ħa l-inkarigu li jikkomunika mas-Sidien.

5. Huwa staqsa sabiex jiġi avviċinat il-Kuntrattur responsabbli mill-kostruzzjoni ta' Triq il-Keffa fejn bħalissa qiegħed jintuża Tower Crane ħalli mmedjatament jinstalla d-dawl li jindika li ċ-ċint ħiereġ 'il barra fit-triq.

6. Il-Kunsillier irraporta li d-dawl ta' quddiem il-Garden View ma jixgħelx u dan ilu ħafna mitfi. Is-Segretarju Eżekuttiv nforma li dan id-dawl diġa' ġie rrapurtat lill-Kuntrattur pero' dan qal li hemm xi ħsarat taħt l-art u li se jissewew mill-aktar fiss possibli.

HUGH ZAMMIT — SEGRETARJU EŻEKUTTIV

NOEL MUSCAT — SINDKU

## IV RAPPORTI MILL-KUNSILLIERI – ikomplu

Mill-Kunsillier R. Rossignaud

1. Il-Kunsillier ġibed l-attenzjoni li l-Kumpless il-ġdid għandu bżonn tindifa u għaldaqstant dan għandu jitnaddaf mill-aktar fiss.

2. Huwa nforma li l-appoġġi fin-naħa ta' wara tal-bini huma mxarrba, dan juri li dieħel l-ilma u għaldaqstant dan ser jagħmel ħsarat kbar fil-ħitan ta' ġewwa.

3. Il-Kunsill ġie nfurmat li f'ċerti postijiet fil-Kumpless il-ġdid huma ta' periklu għat-tfal u għalhekk dan il-periklu għandu jiġi eleminat mill-aktar fiss.

4. Wara diskuzzjoni, il-Kunsill ikonkluda sabiex mill-aktar fis ssir laqgħa mal-Perit responsabbli sabiex jigu iddentifikati dawn il-ħsarat u l-perikli ndikati. Il-Kunsillier R.Rossignaud ħa l-inkarigu li jieħu ritratti tal-punti kollha msemmija u anke li jiltaqa' mal-persuna kkonċernata. Il-Viċi Sindku wkoll talab biex jkun preżenti għal din il-laqgħa.

Mill-Kunsillier M. Fava

1. Il-Kunsillier ġibed l-attenzjoni li quddiem il-ħanut Move n' Pick fi Triq is-Sidra saret *parking bay* żbaljata minħabba li f' din il-*bay* ma toqgħodx karozza. Is-Segretarju Eżekuttiv ħa l-inkarigu li jinvestiga dwar din il-materja.

2. Huwa nforma dwar il-konferenza nternazzjonali ECAD li għal din is-sena se ssir fil-11, 12, 13, 14 u 15 ta' Mejju 2013. Wara diskuzzjoni l-Kunsill unanimament qabel li l-Kunsillier M. Fava u s-Segretraju Eżekuttiv jattendu għal din il-konferenza.

Mill-Kunsillier C. Said

1. Il-Kunsillier staqsiet meta ser jitkomplew ix-xogħlijiet ta' tarmak fi Triq it-Terz. Is-Segretarju Eżekuttiv nforma li dawn ix-xogħlijiet se jitkomplew meta jkun provista ta' tarmak.

2. Hija nfurmat li diġa' bdiet ix-xogħol għall-attivita ta' Skola Sajf ta' din is-sena. Fil-jiem li ġejjin hi se tagħmel kuntatt ma' l-għalliema.

HUGH ZAMMIT NOEL MUSCAT
SEGRETARJU EŻEKUTTIV SINDKU

## IV RAPPORTI MILL-KUNSILLIERI – ikomplu

Mill-Kunsillier M.Abela

1. Il-Kunsillier staqsiet sabiex mill-aktar fiss jiġu rrifreskati s-sinjali tat-traffiku fiq Triq V. Menville.

2. Il-Kunsillier nfurmat li fil-jiem li ġejjin ser tiġi nsallata *Information Sign* biswit l-entratura ta' Madliena. Din se tinkludi l-informazzjoni storika dwar il-fortizza.

## V APPROVAZZJONI TA' ĦLASIJIET U XIRI IEĦOR

1. Il-pagamenti kollha li dehru fuq l-iskeda ta' pagamenti ġew approvati . Is-Sindku ppropona u l-Kunsillier M. Fava ssekonda. Kien hemm qbil unanimu dwar dan

Din il-laqgħa spiċċat fid-9.00pm u sar aġġornament għal nhar l-Erbgħa 17 ta' April 2013 fil-5pm.

**HUGH ZAMMIT** **NOEL MUSCAT**
**SEGRETARJU EŻEKUTTIV** **SINDKU**

**HUGH ZAMMIT** **NOEL MUSCAT**
**SEGRETARJU EŻEKUTTIV** **SINDKU**